# Il-Festi – Fidi jew Folklor?

**kitba ta' Anton F. Attard**



Mistoqsija interessanti li xi drabi nisimgħu dwar il-festi tagħna hija din: Il-festi tagħna huma manifestazzjoni ta' fidi jew ta' folklor?

Biex inwieġbu għal din il-mistoqsija qabel xejn irridu nfittxu ftit fl-istorja. Meta l-kampanja Għawdxija kienet mimlija b'ħafna kappelli u knejjes żgħar, dawn xorta waħda kienet issirilhom il-festa, avolja f'dawk iż-żminijiet imbiegħda u ta' periklu.

Dwar il-festa reliġjuża, aktarx li kienet issir il-quddiesa u xi drabi anki l-għasar. Bħala festa ta' barra, imbagħad, kienet titqassam iż-żerda li kienet tfisser dak il-ħobż, lewż qubbajt, u inbid li kien jitqassam lill-fqar skond il-fundazzjoni marbuta mal-kappella. U din aktarx li kienet titqassam biex jiġu sodisfatti l-opri tal-ħniena kif mgħallma fil-Vanġelu: itma' lill-ġewħan, isqi lill-għatxan, libbes lill-għarwien...

Mela m'hemm ebda dubju li l-festa antiki li kienu jsiru fil-kappelli medjevali tagħna kien fihom taħlita ta' reliġjon u folklor. Reliġjon għax il-festa tal-kappella kienet tikkonsisti minn funzjoni jew funzjonijiet reliġjużi u folklor għax l-ikel li kien jingħata kien ikun wieħed totalment folkloristiku skond id-drawwiet ta' dak iż-żmien.

U mill-festi antiki tal-kappelli, niġu għall-festi titulari tal-lum li jiġu ċċelebrati fil-Knejjes Parrokkjali tagħna.

Nibdew mill-element folkloristiku. Mingħajr ebda dubbju l-festi titulari tagħna huma l-akbar manifestazzjoni folkloristika li ssir matul is-sena fil-lokalità li tkun. It-tiżjin, bl-antinjoli bl-alabarda, bil-bnadar, bandalori, kolonni bil-pedestalli jew le għall-istatwi tal-qaddisin, anġli, pilandri, trofej, festuni tad-dawl, ċfuf tal-karti kkuluriti, pavaljuni tad-drapp u tad-dawl, xi ark u mitt ħaġa oħra. Niftakru fid-dwal fit-tazzi tal-kuluri qabel ma daħal id-dawl elettriku li bihom kienu jżejnu t-toroq, il-faċċati tal-bini u tal-knejjes, u l-pjażeż fuq l-arkaturi tal-ħadid... Kos, id-dawl ta' dari kien dawl li jista' jintefa malajr, imma kien dawl ħaj li jlebleb il-ħin kollu mal-fewġa ħafifa tar-riħ. Il-festi tagħna huma festi ta' dawl u tiżjin.

U xi ngħidu, imbagħad, għall-wirjiet pirotekniċi li jsiru matul il-jiem tal-festa? Kull xorta ta' nar ta' l-ajru, bombi, murtaletti, kulur, sfafar, kaxxa infernali, spanjola, beraq pront tal-ftuħ, blalen, imsielet, serpentelli, bomba sfera, sfejjer, bombi kbar, prexex u refgħat... u nar ta' l-art, ġiġġifogu, irdieden, stoppini, fxiefex, xi raddiena miġnuna, xi waħda tat-temp, xi disinn, xi tapit, xi skrizzjoni tixgħel, faqqigħat qawwija, sfafar... Verament, in-nies tas-sengħa piroteknika tagħna jħabbtuha ma' l-aqwa tad-dinja. U s-snajja' popolari huma taqsima mill-aktar importanti tal-folklor tagħna.

Imma l-festa ssir fit-toroq ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Għalhekk naraw marċijiet ta' kull xorta minn diversi baned, in-nies tidderverti, bl-istandardi, bil-bżieżaq, bnadar ta' kull xorta, jiżfnu u jifirħu, nisa u rġiel, żgħażagħ u xjuħ, kbar u żgħar. Folol kullimkien.

Kwantità kbira ta' karti mqattgħin jew kunfetti jintremew jew jinxteħtu għal fuq il-folla li tkun qiegħda tiddeverti fit-triq. Tal-ħwienet tax-xorb u ta' l-ikel, il-bejjiegħa tat-toroq, għalihom hu l-isbaħ żmien biex ibigħu kemm jifilħu lill-folol miġbura għaliex il-festi huma wkoll żmien ta' negozju kbir. U d-dar tkun tistenniena wkoll ikla mill-aqwa.

U xi ngħidu għat-tiġrijiet li jsiru fil-festi kbar tagħna. Ħafna drabi l-aqwa bhejjem narawhom jiġru fit-toroq tagħna bl-imħatra min jieħu l-ewwel, ħmir, bgħula, ponijiet, żwiemel u dwieb, bit-trott u bil-lbilt, u fl-aħħar is-sidien jitilgħu mkabbra u ferħana biex jieħdu l-palju, it-tazza jew it-trophy għax il-bhima tagħhom tkun ħadet l-ewwel.

Xi festi jkunu wkoll akkumpanjati minn wirijiet tal-biedja tas-snajja u b'devertita 'l għada tal-festa.

Jewwilla dan mhux kollu folklor? Fejn hi r-reliġjon? Imma fil-festi tagħna hemm l-element reliġjuż ukoll aktar milli naħsbu aħna.

Qabel xejn, fil-knisja li tkun mixgħula minn barra, tkun ukoll imżejna mill-aqwa minn ġewwa: damask, linef, l-artali armati bl-aqwa ventartali, trieħi, gandlieri, fjuretti, settijiet ta' appostli, xi drabi kollox tal-fidda mastizzi, u b'tużell mill-isbaħ fuq l-artal maġġur.

Il-paramenti sagri u dawk l-affarijiet kollha li jintużaw waqt il-funzjonijiet; kollox ikun mill-aqwa u għall-okkażjoni tal-festi. Mużika mill-aqwa takkumpanja l-kant u l-korijiet matul il-funzjonijiet.

Imma hawnhekk għandu mnejn wieħed jgħid li anki dawn il-funzjonijiet kbar kollha m'humiex reliġjon, imma ċeremonjal, pompożità, wirja esterna ta' trijonf u ta' rikkezzi.

U hawn ngħid jien: għala le? Jekk aħna nemmnu li għandna nagħtu ġieħ lill-qaddis patrun, lill-Madonna u lil Alla, għandna aħna nagħmlu kollox tat-terza jew tas-sekonda klassi? Għaliex mhux mill-aqwa? Forsi ma jixirqilhomx? Iva, il-qaddisin, il-Madonna u Alla, jixirqilhom mill-aqwa. Għalhekk, il-ġmiel ta' tiżjin, iċ-ċerimonji sbieħ, ir-rikkezzi li jkun hemm fil-knejjes huma wirja minn barra ta' dak li nħossu minn ġewwa. U hawn tidħol ukoll il-fidi.

Għalheħekk, xieraq li fil-festi nieħdu sehem fil-funzjonijiet u nirċievu s-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin kif jixraq. U din hija reliġjon. Din hija fidi.

Iżda hemm aspett ieħor fil-festi tagħna li bosta huma dawk li mhux biss ma jagħtux kasu, imma xi drabi jinsewh għal kollox. Fost il-poplu tagħna ma jkunx hemm biss dawk li jitbellhu fil-marċijiet tal-festi, dawk li jixorbu xi qatra żejda, dawk li forsi jiżgarraw f'xi kliem, joħolqu l-inkwiet u ma tantx ikunu ħnien mal-proxxmu tagħhom. Fost il-poplu tagħna jkun hemm minn għandu l-mard, l-inkwiet fil-familja jew fuq ix-xogħol, u dwejjeq oħra li wieħed biex jifhimhom sewwa jrid iġarrabhom. Dawn it-talin, il-parti msejkna tal-poplu tagħna, nassigurakom li għalihom il-festi ma jiġux biex jaraw it-tiżjin, jew il-ħruq tan-nar, jew biex nisimgħu l-banda u jaraw it-tiġrijiet tal-bhejjem.

Għalihom il-festi jiġu l-aktar biex iżidu fit-talb tagħhom lejn il-qaddis patrun, lejn il-Madonna, u lejn Alla. Min jaħseb li l-ispirtu tal-festa ma jaħbatx f'moħħ dawn in-nies sejjer żball. Nassigurakom li dawn in-nies jitolbu aktar bil-ħrara, fejn jistgħu jattendu l-funzjonijiet, u xi drabi, meta jsibu ruħhom weħdihom jibku weħidhom u d-dmugħ tan-niket ta' qalbhom jaħslihom wiċċhom.

U l-mirakli jsiru. Avolja ħafna drabi ħadd ma joħroġ jiftaħar. Il-mirakli u s-serħan tal-qalb jidħlu wkoll fost il-familji tagħna wara li d-dwal jintfew, in-nar tal-festa jehda u l-mużika u l-baned ma jistemgħux idoqqu aktar.

Iva, il-festi tagħna minn barra fihom element qawwi ta' folklòr u tradizzjonijiet popolari, imma minn ġewwa, aktar miċ-ċerimonji li jsiru fil-knisja, fil-festi jiġu wkoll biex iservu ta' okażżjoni ħalli dik il-parti tall-popolazzjoni li tbati fis-satra u fil-kwiet, titlob iżjed u taqla' l-grazzji li jkollha bżonn.

Le, il-festi tagħna m'humiex folklor biss, imma fidi ukoll, għal min jaf u jifhem sewwa, għal min iġarrab fis-satra u fil-kwiet.

Dari f'Santa Marija, ir-ringrazzjament ta' dawn in-nies lejn l-Assunta kien imbagħad jintwera s-sena ta' wara b'mod folkloristiku. Min ma jiftakarx waqt id-Dimonstrazzjoni fit-13 t'Awwissu, ir-reffiegħa ta' l-istatwa, tqila kemm hi tqila, iressquha 'l fuq lejn xi gallerija biex in-nies ilibbsuha xi ċurkett tad-deheb, xi ħannieqa, u oġġetti oħra prezzjużi u ta' valuri sentimentali? Dawk kienu ikunu r-regali mogħtija bħala radd ta' ħajr lill-Assunta tal-grazzji maqlugħa matul is-sena li tkun għadha kif għalqet. Il-lum din il-vara ta' Santa Marija tinsab meqjuma fil-Katidral t'Għawdex fejn għadha taqla' grazzji u rigali b'ħajr u qima daqs qatt qabel.









*Parti mill-atmosfera u briju li jakkumpanja l-Banda Marija Assunta waqt il-marċ ta' filgħodu nhar Santa Marija.*